**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Dylan Abela**

**Kumpilazzjoni Nru 278/2021**

**Illum, 18 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Dylan Abela**, ta' 22 sena, iben Consiglio u Rita nee' Scicluna li twieled ġewwa Pieta' nhar il-15/03/1999, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 29, Ladybird, Trid Dun Ġuzepp Demicoli, Għaxaq, u detentur tal-karta tal-identita 98599M

**Akkuzat** illi nhar id-9/12/2019 għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn l-4 pm u l-5 pm ġewwa Marsaskala

1. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' missieru Consiglio Abela, hekk kif iċċertifika Dr Raphael Gatt (Med Reg 6228) mill-isptar Mater Dei.

   Il-Qorti ġiet mitluba f'kaz ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **Consiglio Abela** jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Dylan Abela** billi tapplika l-Artikoli 382 A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

   Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat illi l-imputat wiegeb li mhux hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021[2].

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali fit-02 ta' Frar 2021[3] li tahthom jidhrilha li tista' tinstab htija fl-imputat.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021 l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz ikompli jinstema' bil-procedura sommarja minn din il-Qorti[4].

[1] A folio 1 tal-process.
[2] A folio 12 tal-process.
[3] A folio 53 tal-process.
[4] A folio 56 tal-process.

Rat illi ghalhekk il-Qorti irrisolviet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali ai termini tal-Artikolu 370 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[5].

Ral-atti kollha tal-kaz.

Semgħet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li allegatament seħħ nhar id-9 ta' Diċembru 2019 għall-ħabta ta' bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar (4pm) u l-hamsa ta' wara nofsinhar (5pm), fejn Consiglio Abela allegatament safa aggredit minn ibnu Dylan Abela ġewwa l-għalqa ta' Consiglio Abela stess u li tinsab ġewwa limiti Ta' Majru, Marsaskala. L-inċident mertu ta' din il-kawza inqala' dwar *barbed wire* li kien hemm fl-imsemmija għalqa. Dylan Abela kien qiegħed fl-għalqa, filwaqt li Consiglio Abela kien fir-residenza tiegħu. Rita Abela, mart Consiglio, staqsiet lil Consiglio dwar l-imsemmi *wire,* u sussegwentament din ħarġet mid-dar. Consiglio intebaħ li din marret l-għalqa fejn Dylan, u Consiglio mar l-għalqa huwa ukoll. Consiglio stqarr mal-pulizija li hekk kif Dylan rah, Dylan poġġa s-senter tal-kaċċa ma' ħajt u mar fuqu sabiex jaggredih, fejn tah daqqa u gidimlu imnieħru. Da parti tiegħu, Dylan stqarr mal-pulizija, li hekk kif poġġa s-senter mal-ħajt, huwa dar

[5] A folio 56 tal-process.

u hekk kif dawwar wiċċu, missieru qalbu fl-art u gidimlu n-naħa ta' isfel ta' wiċċu, lejn il-geddum. Minħabba f'hekk, Dylan stqarr li gidem mnieħer missieru sabiex dan jitilqu. Rita, li tiġi omm Dylan, tgħid illi Consiglio mal-ewwel mar fuq Dylan u tefgħu fl-art u ratu jaħtaf wiċċ binha.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **Dr Raphael Gatt** li kien il-*house officer* dak in-nhar tal-inċident. Għall-ħabta tas-sebgħa ta' fil-għaxija ra lil Consiglio Abela u għamel ir-rapport tal-pulizija. Jixhed li l-vittma kellu ferita zgħira baxxa qisha zewġ centimetri max-xoffa ta' fuq. Kellu ukoll ferita fil-ponta ta' mnieħru li kienet tinvolvi nuqqas ta' *tissue* li kien tilifha, nuqqas ta' ġilda, u kellu jiġi riferut għas-servizz tal-*plastic surgery*. Finalment jgħid li l-vittma Consiglio Abela kien stqarr miegħu li huwa kien involut fi ġlieda fizika ma' ibnu, u ibnu gidimlu l-ponta ta' mnieħru[6].

Xehdet **PS2210 Tania Mangion** li ħejjiet ir-rapport rigward dwar l-argument li kien ġara nhar id-9 ta' Diċembru 2019 bejn Consiglio Abela u ibnu. Consiglio Abela kien irraporta li dak in-nhar għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u l-ħamsa ta' wara nofsinhar, huwa kien safa aggredit minn ibnu Dylan Abela ġewwa l-għalqa tiegħu, f'Marsaskala. Consiglio Abela qal li huwa kien rieqed fir-residenza tiegħu f'Ħal Għaxaq. Hekk kif qam il-mara tiegħu Rita staqsietu għalfejn kien tefa'

[6] A folio 16 tal-process.

il-wire ta' Dylan  f'certu post u hu qalilha li kien wissa lil Dylan xi erba' darbiet sabiex ineħħieħ minn fejn kien.  Wara ftit induna li l-mara tiegħu Rita marret l-għalqa għax ma bdietx twieġbu meta beda jsejħilha. Consiglio irrapurta li huwa qabad u mar l-għalqa, fejn sab lil martu Rita, missier Rita, u lil Dylan. Consiglio irraporta li hekk kif Dylan rah, huwa poġġa s-senter tal-kaċċa mal-ħajt u minnufih mar fuqu biex jaggredih, tah daqqa u gidimlu imnieħru. Rita bdiet izommu u hu kellu jiddefendi ruħu mid-daqqiet li beda jagħtih ibnu.  Kellu ċertifikat minn Mater Dei li huwa kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi. Tixhed li l-pulizija tkellmu ma' Dylan Abela, li irrinunzja għad-dritt tal-avukat. Dylan infurmaha li huwa kien ilu madwar sena ma jitkellem ma' missieru. Spjega li kellu dan il-*wire* li kien għamlu f'post izda missieru kien għamlu f'post ieħor.  Dylan qal lil ommu Rita biex tgħid lil missieru ħalli ma jmissx il-*wire*. Rita qalet lil Dylan li Consiglio kien qiegħed dan il-*wire* taħt il-bajtra tax-xewk. Meta tkellmet ma' Consiglio dan kien xurban u irrabja.  Dylan kompla jgħid li ommu Rita marret l-għalqa sabiex tneħħi hi dan il-*wire* ħalli ma jinqalax inkwiet izda fil-pront ġie Consiglio warajha.  Dylan infurma lix-xhud li hekk kif ra hekk huwa poġġa s-senter tal-kaċċa mal-ħajt, u hekk kif dawwar wiċċu missieru qalbu mal-art u gidimlu in-naħa ta' isfel ta' wiċċu lejn il-geddum. Minħabba f'hekk, Dylan gidem imnieħer missieru sabiex dan jitilqu, izda xorta ma telqux mal-ewwel.  Dylan ukoll ipproduċa ċertifikat mediku fejn ġie iċċertifikat li huwa kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.  Ix-xhud tkellmet ukoll ma' Rita Abela, li infurmat lix-xhud li zewġha Consiglio kien xorob l-inbid mid-dar u hekk kif marret l-għalqa Consiglio mar warajha u mar mal-ewwel fuq

Dylan, tefgħu mal-art u ratu ukoll jaħtaf wiċċ binha. Ix-xhud tiftakar li fuq Consiglio kien hemm ġrieħi, pero ma setetx tiftakar jekk kienx hemm ġrieħi fuq Dylan. Ix-xhud għarfet lill-imputat fl-awla. Xehdet illi l-imputat kien irrinunzja għad-dritt tal-avukat. Kontro ezaminata xehdet illi l-ġrieħi gravi fuq Dylan saru mill-argument li huwa kellu ma' missieru, u ċioe kif missieru qalbu fl-art u gidimlu in-naħa ta' isfel tal-wiċċ lejn geddumu. Xehdet li hemm akkuzi ukoll fil-konfront ta' Consiglio Abela li għamel ġrieħi gravi fil-konfront ta' ibnu[7].

Xehdet **Rita Abela** li hija assistiet għall-ġlieda li kien hemm fl-għalqa. Tixhed li fid-9 ta' Diċembru 2019, ċemplilha it-tifel Dylan. Qalilha li l-missier reġa' ħareġ il-*wire* fil-mogħdija fin-nofs. Din ma kinitx l-ewwel darba li Consiglio kien għamel hekk. Hija qalet lil Dylan biex jaqbad dan il-*wire* u jitfgħu ġo bajtra tax-xewk. Meta waslet id-dar, kien hemm ġarra inbid fuq il-mejda għax skond ix-xhud Consiglio jixrob, u kien hemm ġarra oħra fil-kamra tas-sodda u kien qiegħed jixrob. Hija tgħid li staqsiet lil Consiglio għalfejn tefa' l-*wire* ta' Dylan f'nofs il-moghdija, u hu qalilha 'hekk irrid'. Consiglio beda jgħajjat, u hija telqet lejn l-għalqa fejn Dylan, li kien qiegħed għall-kaċċa. Huma u mexjin, wasal Consiglio ukoll, li qalilha li mar għas-sodisfazzjon. Hu u dieħel mar għal fuq Dylan, lanqas ċans iseraħħ is-senter hekk u meddu mal-art, hekk kif meddu mal-art, it-tifel gidmu f'wiċċu.

Tgħid li Consiglio gidem lit-tifel għax Consiglio kien fuq. Tixhed li hija ippruvat tifridhom. Tgħid ukoll li hija kienet l-għalqa maġenbhom,

[7] A folio 18 tal-process.

u li kienet viċin tagħhom. Tgħid li Consiglio daħal u medd lit-tifel. Consiglio baqa' dieħel l-għalqa, ħataf lil Dylan minn spallejh u meddu mal-art. Kif meddu mal-art gidmu. Rat lil Dylan jipprova jiċċaqlaq, hi ippruvat tiġbed lil Consiglio, izda ma irnexxielhiex. Rat lil Dylan jirrezisti. Wara dan rat li t-tnejn li huma kellhom id-demm fuq wiċċhom. Meta ġiet biex tieħu lil Dylan il-klinika, Consiglio beda jostakolalha l-karozza. Imbagħad hija saqet il-karozza ta' Dylan. Ħaditu l-klinika ta' Raħal Gdid. Kontro ezaminata spjegat li Consiglio fih raġel, miftuħ u kabbari, twil u naqra imzaqqaq. Tghid li meta Consiglio kien fuq Dylan hija ma setetx tara lil Dylan, għax Consiglio dahru kbir. Hu kien fuq Dylan, jagħmel saħħa fuq Dylan. Tispjega li Consiglio diġa kien xurban, u kien anke aggressiv fil-konfront tagħha meta kienet għadha id-dar. Tispjega li Consiglio ta' kuljum ikun xurban. Meta wasal l-għalqa kien xurban. Ri ezaminata tgħid li Consiglio għomru kollu jixrob. Huwa kien irrabjat fuq il-*wire*[8].

Xehed **Consiglio Abela** li jispjega illi huwa kien qiegħed id-dar rieqed, u l-mara staqsietu għalfejn kien poġġa l-wire fejn kien għamlu. Qalilha li huwa kien xeba' jgħid lil ibnu biex ineħħieħ minn hemm, u dan baqa' ma neħħieħx. Jghid li sema' lil mara tgħidlu biex jarmieh fil-bajtar. Meta beda jgħajjtilha ma weġbitux, u huwa induna li hija marret l-għalqa. Mar l-għalqa, u sab hemm lil missier il-mara, lit-tifel u lil ommu. Jixhed li t-tifel qallu li li kieku kien hemm, kien jispara għalih. Ikompli jixhed li t-tifel qabad jagħtih. Hekk kif dar lejh, il-mara daħlet bejniethom, gidimlu imnieħru, hu ħatfu miegħu biex ma jiċċaratlux.

[8] A folio 24 tal-process.

Jgħid li hu ta skoss biex imorru mal-art, u huwa iddefenda ruħu. Dar lejn Dylan u qallu għaliex ma sparax lejh. Wara irrifjuta li jmur il-klinika u mar waħdu d-dar. Iċċara li Dylan qabad jagħtih bil-ponn, laqtu lejn għajnejh u imbagħad daħlet il-mara fin-nofs. Jiftakar li laqtu lejn għajnejh. Jerġa' jispjega li huwa kien id-dar rieqed, imbagħad daħal l-għalqa, fejn kien hemm il-wire, ra lil martu, lil Dylan, u lil missier martu jersqu lejh, u Dylan qabad jagħtih. Gidmu, u baqa' jagħfsu. Jgħid li wara li gidmu ipprova jerġa' jigdmu u huwa kellu jiddefendi ruħu, u ġidmu huwa ukoll. Wara, qamu minn mal-art, huwa qallu għaliex ma sparajtlix, mar għas-senter, Rita imbuttatu għax kien kwazi qabad is-senter. Imbagħad telaq waħdu lejn Mater Dei bil-karozza. Wara li mar l-isptar, mar jagħmel ir-rapport.

Kontro ezaminat ċaħad li huwa kien qiegħed jixrob jew li kien fis-sakra, u jixhed li huwa kien għadu qiegħed iqum mis-sodda. Jiċħad li għandu problema tax-xorb u jgħid li huwa kultant jixrob matul il-ġurnata. Jgħid li meta ingidem huwa u Dylan kienu bil-wieqfa, b'Rita bejniethom, u Dylan għadda minn taħt ommu u gidmu. Wara gidmu huwa ukoll, u ta skoss sabiex imorru mal-art. Jgħid li huwa waddab lil Dylan mal-art sabiex jitilqu, u sabiex jiddefendi ruħu, għaliex Dylan kien ser jerġa jipprova jigdmu[9].

Xehed **Dylan Abela** illi huwa kien imur fl-għalqa tal-ġenituri tiegħu bil-kunsens tagħhom. Missieru kien bena ħajt bla permess, u Dylan kien qallu li ser jaqla' dan iċ-ċint ftit ftit wara x-xogħol. Meta qalgħu kien hemm gozz *barbed wire.* Consiglio qallu biex ineħħi l-wire, u Dylan qallu li mal-iskips li kien imiss huwa kien ser jarmih. Ġabar il-

[99] A folio 34 tal-process.

wire ġewwa barmil. Fid-9 ta' Diċembru 2019 spiċċa mix-xogħol għal ħabta tas-sagħtejn u nofs u mar l-għalqa għall-kaċċa. Reġa sab il-*wire* f'nofs il-mogħdia u ġabru fil-barmil. Ċempel lil ommu u qalilha li missieru qed jitfa' l-*wire* fil-mogħdija u qalilha biex tgħidlu ħalli ħadd ma jweġġa' miegħu. Ommu qaltlu biex jitfgħu fil-bajtar tax-xewk għax fil-bajtar ħadd ma jidħol. U huwa hekk għamel. Għal ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar daħlet ommu fl-għalqa, bin-nannu dieħel warajha. Ommu bdiet tistaqsieh fejn għamel il-*wire*, u hu qalilha li l-*wire* kien tefgħu fil-bajtar tax-xewk. Qaltlu ejja inneħħuħ minn hemm għax Consiglio kien irrabja. Hekk kif kienu ħerġin lejn il-bajtar, jasal Consiglio. Dan beda jgħid li huwa ġie għas-sodisfazzjon. Consiglio kien miexi b'pass mgħaġġel lejh, u Dylan induna x'kien ġej għalih għax mhux l-ewwel darba li Consiglio għolla jdejh miegħu u ma' ħutu. Jispjega li kellu is-senter f'idejh, huwa serraħ is-senter mal-ħajt. Dar, u jsib lil missieru, li imbuttah minn spallejh, huwa waqa' mal-art, Consiglio intefa' fuqu u gidimlu geddumu mal-ewwel. Beda jħoss uġigħ kbir u beda anke jxomm ir-riħa tal-inbid ta' missieru. Huipprova jgħollih, imbagħad gidimlu imnieħru. Huwa gidem mhux b'saħħa kbira, izda gidem sabiex missieru jitilqu. Meta kienu mal-art id Consiglio kienu fuq spallejn Dylan. Dylan ħass il gidma fuq geddumu u wara ipprova jgħolli lill-missieru li huwa tqil, idejn Dylan kienu ma' ġenbu għaliex huwa kien qiegħed jipprova jgħolli lill-missieru. Meta ġew biex imorru sal-klinika, Consiglio ma riedx iċaqlaq il-karozza tiegħu li kienet qiegħda tibblokka l-karozza ta' Rita. Dylan u ommu telqu bil-karozza ta' Dylan, u marru il-klinika ta' Raħal Gdid.

Għamlulu l-punti u dam ħmistax bihom. Spjega li huwa ma setax imur xogħol għax xogħolu huwa ta' sprayer.

Wara li bagħtu għalih mill-għassa ta' Marsaskala, huwa ra r-rapport li kien għamel Consiglio, u Dylan qalilhom kif ġrat l-istorja, li kien totalment differenti minn kif kien irraporta Consiglio. Huwa ipprezenta xi ritratti tal-ferita friska u kif tidher illum il-ġurnata. Ipprezenta ukoll *disability report*. Jgħid li huwa u qed jiġi migdum minn missieru huwa gidem ukoll. Kontro eżaminat, jixhed illi huwa kien qed jiġi migdum minn missieru u huwa gidem ukoll. Fil-ħin li gidem lil missieru huwa kien għadu qed jiġi migdum. Jgħid li l-posizzjoni kienet qishom huma kienu ser jitbewwsu. Jgħid li missieru telqu meta huwa gidmu. Jgħid li huwa gidem lil missieru sabiex missieru jitlaq lilu[10].

Xehed **Giuseppe Scicluna,** li jiġi in-nannu tal-imputat. Jgħid li dak in-nhar tal-inċident, it-tifla staqsietu jekk imurx magħha sal-għalqa, u huwa aċċetta. Kienu għall-ħabta tat-tlieta jew l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Qal li meta waslu l-għalqa, wasal ukoll Consiglio, li qalilha li ġie għas-sodisfazzjon. Lil Consiglio ix-xhud rah stringut. Consiglio mar fuq it-tifel Dylan, fuq spallejh, u t-tnejn intefgħu mal-art. Wara li qamu, ra li t-tifel kellu wiċċu kollu demm. Wara Rita riedet teħodhom il-klinika, iżda Consiglio irrifjuta. Kontro eżaminat jixhed li Consiglio u Rita għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Jixhed li l-inkwiet inqala' fuq biċċtejn barbed *wire*. Rega' qal li lil Consiglio, Rita

[10] A folio 61 tal-process.

staqsietu x'mar jagħmel, u hu weġibha li mar għas-sodisfazzjon. Jgħid ukoll li ra d-demm fuq wiċċ it-tnejn, kemm Consiglio kif ukoll Dylan. Ri eżaminat jixhed li Consiglio u Rita ma għadhomx jgħixu flimkien. Kontro eżaminat ulterjorment, jgħid li Dylan poġġa u serraħ is-senter mal-ħajt. Jgħid li s-senter kien bla skrataċċ u kien qiegħed fil-*pocket,* allura ma setax jispara lejn Consiglio. Meta Consiglio u Dylan kienu mixħutin mal-art, Rita marret tipprova tferraqhom[11].

Illi xehed **Ryan Abela,** li jiġi ħu Dylan Abela. Jgħid li huwa joqħgod ma' ħuħ u ma' ommu. Dak in-nhar tal-inċident missieru kien qiegħed jixrob l-inbid. Nofs il-ġarra kienet vojta. Għall-ħabta tal-erbgħa, l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar, beda jgħajjat b'ton aggressiv ma' ommu. Sussegwentement, informa lil missieru li ommu u Dylan ma kienux id-dar. Wara Consiglio ħareġ mid-dar, fi stat xurban. Kontro-eżaminat jgħid li l-ġenituri tiegħu qiegħdin jisseparaw. Qal li kien hemm ġarra tal-ħames litri nofsha vojta, wiċċ Consiglio kien aħmar nar. Qal li missieru tela' fuq u kompla jixrob[12].

Xehdet virtwalment **Dr Juanita Parnis**. Hija ħarġet rapport Dokument JP[13] dwar il-griehi sofferti mill-imputat Dylan Abela. Dylan Abela kien qalilha li ingidem fuq in-naħa tal-lemin ta' geddumu. Kienu sarulu l-punti l-Paola Health Centre. Huwa kellu *scar* in-naħa tal-lemin ta' geddumu kbira ċentimetru b'zewġ ċentimetru u tghid li fiha ma jitlax xaghar. Hija iddikjarat li l-imputat ghandu perċentaġġ ta' dizabilita ta'

[11] A foio 79 tal-process.
[12] A folio 91 tal-process.
[13] A folio 102 tal-process.

2%. Tghid li l-gerha hija ċikatriċi permanenti, li tissejjaħ *flap laceration*, meta ġiet meħjuta ħalliet il-marka kif tidher attwalment[14].

Xehdet virtwalment **Dr Amy Chircop**. Hija ezaminat lil Dylan Abela l-Paola Health Centre u harget ic-certifikat Dokument AC[15]. Huwa kellu farrett fuq in-naħa tal-lemin tal-geddum. Għamlulu l-punti u anke tawh antibiotic għal wara l-proċedura[16].

Xehed **Dr Mario Scerri** li jiddikjara li huwa kien eżamina lil Dylan fit-02 ta' Jannar 2023, li kellu ċikatriċi fuq il-geddum fil-ġenb liema cikatrici tidher "from within walking distance"[17]. Huwa ipprezenta r-rapport tieghu Dokument MS[18].

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fid-9 ta' Diċembru 2019 għall-ħabta ta' bejn l-erbgha ta' wara nofinhar (4pm) u l-hamsa ta' wara nofsinhar (5pm) ġewwa Marsaskala bejn l-imputat Dylan Abela u l-parti civili Consiglio Abela u fejn iz-zewg partijiet sofrew griehi. L-imputat Dylan Abela jiġi t-tifel tal-parti civili Consiglio Abela. L-argument inħoloq fuq *barbed wire* li kien fl-għalqa li tinsab fil- limiti Ta' Majru, Marsaskala. Consiglio kien wissa lil Dylan sabiex ineħħi l-*barbed wire* minn hemm.

[14] A folio 98 tal-process.
[15] A folio 108 tal-process.
[16] Folio 104 tal-process.
[17] A folio 114 tal-process.
[18] A folio 116 tal-process.

Il-parti civili Consiglio Abela xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2021 illi huwa kien qiegħed id-dar rieqed, qam u ma sabx il-mara u mar l-għalqa, fejn kien hemm missier il-mara, it-tifel u Rita. Ikompli jixhed li t-tifel qabad jagħtih u gidimlu imnieħru, u hu ħatfu miegħu biex ma jċċaratlux. Ta skoss biex imorru mal-art, u huwa iddefenda ruħu. Sabiex jiddefendi ruħu, ġidmu huwa ukoll.

L-imputat Dylan Abela xehed illi għal ħabta tal-erbgħa ta wara nofsinhar daħlet ommu fl-għalqa, bin-nannu dieħel warajha. Ommu bdiet tistaqsieh fejn għamel il-wire, u hu qalilha li l-wire kien tefgħu fil-bajtar tax-xewk. Qaltlu ejja inneħħuħ minn hemm għax Consiglio kien irrabja. Hekk kif kienu ħerġin lejn il-bajtar, jasal Consiglio. Dan beda jgħid li huwa ġie għas-sodisfazzjon. Consiglio kien miexi b'pass mgħaġġel lejh, u Dylan induna x'kien ġej għalih għax mhux l-ewwel darba li Consiglio għolla jdejh miegħu u ma' ħutu. Dylan jispjega li huwa kellu is-senter f'idejh, huwa serraħ is-senter mal-ħajt. Dar, u jsib lil missieru, li imbuttah minn spallejh, hu waqa' mal-art u Consiglio intefa' fuqu u gidimlu geddumu mal-ewwel. Hu ipprova jgħollih, imbagħad gidimlu imnieħru.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghandu jigi mfakkar ukoll illi l-imputat mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, u cioe

"beyond reasonable doubt" izda nonostante cio' l-imputat ghazel illi jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti.[19]

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**: "It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

---

[19] A folio 61 tal-process.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi tajjeb li jigi rrimarkat li sa mill-istadju bikri ta' meta sar ir-rapport, l-imputat ikkollabora mal-Pulizija u kien kredibbli u konsistenti f'dak li sahaq u l-istess konsistenza rrizultat anke meta ha l-pedana tax-xhieda fejn bazikament ikkonferma dak mistqarr minnu meta gie mitkellem mill-Pulizija a tempo vergine.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa umilment sottomess li skond il-ligi procedurali nostrana, kull qorti, u partikolarment qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ggib parti. Tali regola tohroġ mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli ghall-proceduri kriminali bis-sahha tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre jinghad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jghid bl-aktar mod skjett li "Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar

shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti".

Illi tenut kont ta' dawn ir-regoli tassattivi ta' proċedura penali, jinghad li fil-każ odjern zgur illi ma giex sodisfatt li kif tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 2015 fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Antoine Agius** "il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tenuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra".

Illi fuq ir-regola tal-ahjar prova l-**Professur Mamo** jghid hekk: ' The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given and in a manner which will best ensure the object in view....The rule as to the production of the best evidence is rigid, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof...In the unavoidable absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that it will never

be received until the party tendering it proves that it is out of his power to obtain other evidence...’.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza f’dan il-kaz jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Consiglio Abela jsostni li gie aggredit mill-imputat u minn naha l-ohra l-imputat isostni li kien  il-parte ċivili li aggredih u li huwa rrejagixxa in legittima difeza.

Ix-**xhieda okulari** f’dan il-kaz taw dettalji dwar id-dinamika tal-glieda. Rita Abela, li kienet prezenti waqt li sehhet il-ġlieda li kien hemm fl-għalqa fid-9 ta’ Diċembru 2019,  tixhed illi dak in-nhar tal-inċident Consiglio kien qiegħed jixrob. Tgħid li ftit wara li hija waslet l-għalqa ma’ missierha, wasal Consiglio ukoll, li qalilha li mar għas-sodisfazzjon. Hu u dieħel mar għal fuq Dylan, u meddu mal-art, kif meddu mal-art gidmu.  Rat lil Dylan jipprova jiċċaqlaq, hi ippruvat tiġbed lil Consiglio, izda ma irnexxielhiex. Rat lil Dylan jirresisti. Wara dan rat li t-tnejn li huma kellhom id-demm fuq wiċċhom.  Meta ġiet biex tieħu lil Dylan il-clinic, Consiglio beda jostakolalha l-karozza. Imbagħad hija saqet il-karozza ta’ Dylan.   Tispjega li apparti li Consiglio diġa kien xurban, hu kien anke aggressiv u irrabjat.

**Giuseppe Scicluna,** li jiġi in-nannu tal-imptat jixhed li meta waslu l-għalqa, wasal ukoll Consiglio, li qal lil Rita li hu ġie għas-sodisfazzjon.

Lil Consiglio ix-xhud rah stringut. Consiglio mar fuq it-tifel Dylan, fuq spallejh, u t-tnejn intefgħu mal-art. Wara li qamu, ra li it-tifel kellu wiċċu kollu demm.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili Consiglio Abela thalli hafna dubji u dan jinghad principalment dwar il-veracita' o meno ghaliex il-verzjoni minnu moghtija m'hijiex korroborata mix-xhieda okulari. Minn naha l-ohra l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-fatti sehhew kif indika hu.

Il-Qorti temmen li Consigio Abela kien xurban irrabbjat u aggressiv u iddikjara fil-presenza tal-imputat u tax-xhieda okulari li huwa mar għas-sodisfazzjon.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-bidu ta' dawn il-proceduri, sa minn meta l-imputat mar jaghmel ir-rapport l-Ghassa u gie mitkellem mill-Pulizija, l-imputat dejjem sostna illi huwa kellu jiddefeendi ruhu, li l-parte civile aggredih, u sahansitra gidimlu geddumu u f'dan il-punt huwa ma kelu l-ebda ghazla ohra hlief jiddefendi ruhu u gidmu lura.

Din kienet ukoll il-linja ta' difiza tul il-proceduri.

Fit-trattazzjoni finali, d-difiza kompliet tibni fuq il-legittima difeza. Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**Artikolu 223** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid : "*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor*." Dan l-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-**Artikolu 224** tal-istess Kapitolu 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-

gisem tad-difensur. Jigifieri irid jirrizulta li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setax jevita l-perikolu li seta' irrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-**Professur Mamo**, il-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat.

**Il-Professur Mamo** jghid :

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time"*

Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien rinfaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit.

Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega **Antolisei**: "*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261).* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-16 ta' Ottubru, 1937, dik il-Qorti iddikjarat illi sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn

perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Ghalhekk sabiex jissusisti d-difiza ta' legittima difesa **fl-ewwel lok wiehed irid ikun qed jirreagixxi biex jirrespingi xi hsara li tkun ser issir fuqu u fit-tieni lok iridu jirrizultaw dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli.**

Rigward **l-ewwel element** u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza". Skond Antolisei "l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto".

Rigward **il-gravita o meno tal-azzjoni**, **Manzini** fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Penale (Parte Generale pg. 358) jghid : "*La giustificante dell articolo 52 (li jikkorrispondi ghal artikolu 223 taghna) non e affatto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*". Dwar t-tieni element ta' gravita, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Toni Micallef - Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-16 ta' Ottubru, 1937 moghtija mill-Onorevoli Imhallef Harding, fejn gie deciz li r-rekwizit tal-gravita jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni.

Il-Professur Mamo jghid: "*The act of defense must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have*

*inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent".*

Fit-tielet lok **l-inevitabilita**. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15ta' Frar 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emily Zarb** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita, u minghajr l-konkors ta' dan il-fattur ma jistax jinghata din l-iskriminanti. Infatti f'Annali della Giurisprudenza Italiana (pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) jinghad li: "*Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non possa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore*." Sabiex l-perikolu jfisser *situazione inevitabile*, il-perikolu irid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma, *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** (vol. XXXIX pg. 1072) li: "*Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak*

*il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha*."

L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid **Carrara** (pg. 209 - 306 Programma): "*Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiera, all'acclamazione, alla fuga*."

Finalment, Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Police v Mark Vella Muscat [Appell Numru 266/1999**] fejn dik il-Qorti irriteniet li: "*As has already been held in other previous cases, the legal criterion to exercise the legitimate right of self defense is: what was the person charged thinking at the time of the aggression against him. A person has every legal right to deliver the first blow himself before he is physically attacked if he genuinely feels and is actually proved or shown, that his safety is in danger because of the unjust, actual and inevitable danger with which he is faced. The law does not restrict or determine the right to self-defense on who actually delivers the first blow. The law lays down certain conditions which have to be fulfilled, before it can be said that a person has rightfully acted in self defense. More often than not, in reality, it is almost always that the first blow is delivered by the person acting in self defense, which action is precisely taken to prevent the aggressor from carrying out his intentions*."

**Ikkunsidrat.**

Jirrizulta lil din il-Qorti illi Dylan Abela laqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita ta' Consiglio Abela. Consiglio Abela kellu aġir aggressiv versu l-imputat. Dylan Abela sab ruħu f'sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja, bl-agir ta' Consiglio Abela, u Dylan Abela aġġixxa sabiex jipprotegi lilu nnifsu mill-aggressjoni jew dannu ta' Consiglio Abela. Jirrizulta illi l-aggressjoni kienet waħda ingusta, gravi, u inevitabbli, u Dylan Abela iddefenda ruħu mill-ħsara minn Consiglio Abela. Fil-kaz in ezami, wkoll, l-imputat agixxa wara li gie attakkat mill-parte civile u l-parte civile kien diga medd lill-imputat ma' l-art, u intefa' fuqu u gidimlu geddumu.

Din il-Qorti temmen u tifhem illi fl-istat mentali u fiziku li kien Dylan Abela ma rax mod ieħor kif seta' jevita l-aggressjoni ta' Consiglio Abela.

Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jkun konvint li huwa agixxa b'legittima difesa u dan ghaliex huwa iddefenda ruhu mill-perikolu li kien ingust, gravi u inevitabbli.

Ghalhekk ghal dawn r-ragunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti tara li l-imputat Dylan Abela kien gustifikat, li agixxa b'dak il-mod tal-legittima difesa ghalih nniffsu, għaliex mill-fatti ta' dan il-kaz, jirrizulta ampjament mill-provi li Consiglio Abela mar l-għalqa dak in-nhar tal-inċident għas-sodisfazzjon, kien aggressiv kif ukoll kien xurban u aggredixxa u attakka lill-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, tqis li l-imputat **Dylan Abela** agixxa taht legittima difeza u ghalhekk tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-partijiet jinghataw kopja ta' din is-sentenza immedjatament u li kopja ta' din is-sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 18 ta' Gunju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur